MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2009

Numru 544/2008

**Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**

**vs**

**Ruth Borda**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Ruth Borda ta’ 25 sena, bint Carmelo u Dolores nee’ Harmer, imwielda Zabbar fit-18 ta’ Marzu 1983, residenti fil-fond ‘Volendam’, Triq A. Cagliari, Zabbar u detentrici tal-karta tal-identita’ numru 190783(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli:

F’ Tas-Sliema, fil-perijodu ta’ bejn it-30 ta’ Settembru u t-2 ta’ Ottubru 2006, ikkommettiet serq ta’ flus kontanti u oggetti ohra mill-fond ‘Direct Store’ sitwat fi Triq Dingli, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi s-somma ta’ €233 (mitt Lira Maltin) izda inqas minn €2330

(elf lira Maltin) u bil-hin u li sehh ghad-detriment ta’ Richard Vella;

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 23 ta’ Gunju 2008 (esebit *a folio* 5 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tat-13 ta’ Novembru 2009 l-imputata ddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputata kif registrata fis-seduta tat-13 ta’ Novembru, 2009 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputata wiegbet li hija hatja ghall-akkuza migjuba fil-konfronti taghha, din il-Qorti wissietha b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u hija nghatat zmien xieraq sabiex jekk trid terga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputata, l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessa.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat l-eta’ tal-imputata, il-fatt li l-imputata kkoperat fil-kors tal-investigazzjonijiet u l-fatt li ammettiet fi stadju bikri tal-proceduri.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 263 u 267 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessa u b’applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda taghmel ordni ta’ *probation* li permezz tieghu tqieghed lill-hatja taht is-sorveljanza ta’ l-ufficjal tal-*probation* illi ghandu jigi assenjat skond il-ligi u dan ghall-perjodu ta’ tlett (3) snin millum u dan taht is-segwenti kundizzjonijiet:-

1. Li matul il-perijodu ta’ probation ta’ tlett (3) snin Ruth Borda ghandha ggib ruhha tajjeb, toqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u zzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilha.

2. L-ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-progress ta’ Ruth Borda kull sitt (6) xhur bil-miktub.

3. Ruth Borda ghandha tavza immedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b’kull bdil li talvolta taghmel fl-indirizz residenzjali taghha.

4. Ruth Borda ghandha thallas lura lid-derubat Richard Vella l-ekwivalenti f’Ewro tas-somma ta’ Lm450 u dan sa zmien sitt (6) xhur millum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull bon fini illi hija spjegat lill-hatja bi kliem car l-effett ta’ din l-ordni u tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 qed tinnotifika minnufih kopja ta’ din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation li ghandu jassenja l-ufficjal tal-*probation idoneju* ghall-hatja.

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Krimonali**
**Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D.**

Illum 20 ta' Novembru, 2009

Il-Pulizija
(Spettur Michael Mallia)

vs

Ruth Borda

ORDNI TA' PROBATION
(Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta)
Seduta tal-llum 20 ta' Novembru, 2009.

Billi b'sentenza moghtija llum fl-ismijiet premessi Ruth Borda giet mpoggija taht Ordni ta' Probation ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijet ta' Malta ghal perjodu ta' tlett(3) snin millum.

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Probation.

Wara li fissret bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni ta' Probation lil imputata inkluz il-htigijet mizjuda skond l-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 u nnutat li l-imputata wriet li trid thares il-htigijet ta' dik l-istess ordni.

Tordna li l-imsemmija Ruth Borda detentrici tal-karta tal-identita' numru 190783(M) ta' 25 sena, bint Carmelo u Dolores nee' Harmer, imwielda Zabbar fit-18 ta' Marzu 1983 u toqghod fil-fond
'Volendam', Triq A. Cagliari, Zabbar titqieghed taht Ordni ta' Probation ghal perijodu ta' tlett(3) snin millum taht dawn il-kundizzjonijiet:-

1. Li matul il-perijodu ta' probation ta' tlett (3) snin Ruth Borda ghandha ggib ruhha tajjeb, toqghod ghad-

direttivi kollha tal-Probation Officer u zzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilha.

2. L-ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-progress ta' Ruth Borda kull sitt(6) xhur bil-miktub.

3. Ruth Borda ghandha tavza immedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b'kull bdil li talvolta taghmel fl-indirizz residenzjali taghha.

4. Ruth Borda ghandha thallas lura lid-derubat Richard Vella l-ekwivalenti f'Ewro tas-omma ta' Lm450 u dan sa zmien sitt (6) xhur millum.

**Ruth Borda**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------